MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Numru. 1468/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 15 ta’ Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**Vs**

**Andrea Bugeja**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andrea Bugeja ta’ 59 sena, iben Andrea u Carmela Mifsud, imwieled Zejtun fis-17 ta’ Jannar 1947, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ numru 120549 M;

Talli nhar it-2 ta’ Dicembru 2007, ghall-habta ta’ 3.55hrs, fi Triq il-Bajja s-Sabiha, gewwa Birzebbugia, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara volontarja fuq l-uniformi ta’ PS 853 F. Sciberras;

Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx bi vjolenza pubblika fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti;

Ukoll talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Kif ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, f’post pubbliku, kien fis-sakra u ma’ kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu;

U talli pejjep f’fond maghluq privat jew publiku, jew li hu miftuh ghal pubbliku.

Rat l-Artikoli 325(c), 95, 96, 338(dd), u 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolament 3 tal-Avviz Legali 414 tal-2004;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tinsab konvinta li l-imputat kellu diverbju accentwat ma’ xi ufficjali tal-Pulizija fid-data u lok indikati, partikolarment mas-Surgent PS 853 Frankie Sciberras. Dan id-diverbju, gie minn x’hiex gie, wassal biex l-imputat irresista l-arrest u gab ruhu hazin mal-Pulizija, tant li hu spicca ghamel hsara fl-uniformi tas-Surgent indikat, kif ukoll ingurja u ghamel offiza fuq il-persuna tal-istess Surgent. Madankollu, il-Qorti ma tarax li kien hemm l-estremi tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 96 tal-Kap 9, li biha hu gie imputat, izda izjed taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 95 tal-Kap 9, li hu reat minuri ghal ta’ l-ewwel, u hu reat kompriz u involut fih. L-istess jista’ jinghad ghat-tielet u r-raba’ imputazzjoni, dawk tal-ksur tal-buon ordni u paci pubblika, u li kien fi stat ta’ sakra li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu. Il-Qorti ma tarax li dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet gew ippruvati, u ghalhekk l-imputat qed jigi lliberat minnhom.

**Ghal dawn il-motivi;**
Illi din il-Qorti mhix qieghda ssib htija ghar-rigward tat-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuzi, ghaldaqstant tilliberah minnhom, filwaqt li qieghda ssib lill-istess imputat Andrea Bugeja hati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi, u tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------